**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO BA. LL.D.**

**Illum, is-27 ta' Frar 2025**

**IL-PULIZIJA**
(Spettur Audrey Micallef)

**KONTRA**

**YASSINE NOUBAOUI**
(detentur tal-karta tal-identita' Maltija 0308179(A))

**IL-QORTI,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' YASSINE NOUBAOUI, ta' tmienja u għoxrin (28) sena, iben Lahsen Naoubaoui u Rashida Fehim, imwieled nhar l- 20 ta' Settembru 1996 ġewwa il- Marokk, residenti ġewwa "The Cape Res", FL 1201, Triq Patri Indri Schembri, Luqa, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru **0308179(A),** akkużat talli bejn il-lejl tal-25 ta' Frar 2025 u s- 26 ta' Frar 2025, bejn il-ħinijiet tat- 20:00hrs (ta' filgħaxija) u s-01:30hrs (ta' filgħodu) ġewwa Luqa u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin f'ħinijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lill- mara tiegħu u ċioe **Leanne Farrugia Noubaoui,** li tiġi wkoll omm bintu Dina Noubaoui**,** biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha, u dan meta l-imsemmija **Leanne Farrugia Noubaoui** kienet qiegħda tgħix fl-istess dar bħall-imputat;

2. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lill- mara tiegħu, u ċioe' ***Leanne Farrugia Noubaoui*** jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

3. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġieghel lill- mara tieghu ***Leanne Farrugia Noubaoui*** , taghmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih.

Il-Qorti giet mitluba li toħrog Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra **Yassine Noubaoui** a beneficju ta' ***Leanne Farrugia Noubaoui*** u l-familjari tagħha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuna ta' ***Leanne Farrugia Noubaoui*** jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Yassine Noubaoui** b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq

Finalment il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' htija tikkundanna lil **Yassine Noubaoui** għall-hlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda u rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-imputat jiddikjara u sussegwentament jerġgħa jikkonferma li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dan wara li l-Qorti tatu l-opportunita' sabiex jerġa lura mill-istess ammissjoni, wara li solennement spjegatlu il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u tatu żmien jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' jikkonsulta mal-avukat tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet in kwantu għall-piena li għandha tiġi erogata fejn il-Qorti ġiet infurmata li hemm qbil bejn il-partijiet li l-piena idoneja hija dik ta' sentenza sospiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu ġew kollha ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi;

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura gravi tal-imputazzjonijiet li tagħhom l-imputat ser jinsab ħati, liema imputazzjonijiet jinkludu l-aggravju tal-vjolenza domestika. Konsegwentament fil-fehma ta' din il-Qorti l-piena idoneja fiċ-ċirkostanzi hija dik ta' priġunerija effettiva. Madanakollu din il-Qorti ħadet ukoll kont tal-ammissjoni tal-imputat fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri odjerni. Hadet ukoll kont tal-fedina penali netta tal-imputat. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet din il-Qorti taqbel ma dak sottomess mill-partijiet u ċioe' li l-piena ta' priġunerija ma għandhiex tkun waħda effettiva.

**Decide:**

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 251B, 251H(a) u (b), 251HA, 202(h)(i), (iv) u (v), u 339(1)(e), tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikolu 49(b) u (c) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-qua imputat Yassine Noubaoui ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentament qed tikkundannah għal ħmistax-il xahar priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ma għandhomx jidħlu fis-seħħ sakemm il-ħati ma jikkommettiex delitt ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien sentejn millum.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 383 et seq tal-Kodiċi Kriminali, qed tordna l-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni kontra l-ħati, għas-sigurta' tal-vittma Leanne Farrugia Noubaoui, permezz ta' liema l-istess Yassine Noubaoui ikun obbligat ukoll iżomm il-bon-ordni pubbliku taħt penali ta' elfejn Ewro (Eur.2,000) għal perjodu ta' sena.

Illi b'referenza għat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex il-ħati jiġi kkundanat għall-ħlas ta' l-ispejjeż peritali, din il-Qorti, qed tiċħad din l-istess talba ġaladarba fil-proċeduri odjerni ma jirriżultax li ġew maħtura esperti.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-reponsabbilita' tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża hawn fuq indikat.

Finalment din il-Qorti qed tordna ukoll li kopja eletronika tal-atti u s-sentenza jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali skond il-liġi.

_______________________________

**MAĠISTRAT Dr. Elaine Rizzo BA. LL.D.**

__________________________

Christine Farrugia

**Deputat Registratur**